MINUTI

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 13/07 - 28 ta' Jannar 2014 - 17:30PM**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *JOSEPH ABELA* | *SINDKU* | |
| *PAWLU FARRUGIA* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *KEITH DARMANIN* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *skużat* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *6.15pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *MILLICENT SCERRI* | *AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ* | |
| *PAUL J. PACE* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *ASST. PRINĊIPAL* | |

**AĠENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti)
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 12/07 tad- 19 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Rigward id-diskrepanzi fil-prezzijiet minn dawk ikkwotati fit-tenders tal-kuntratti preċedenti tal-iskips u tal-konkos, is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2014 fit-8.30am ser jiltaqgħu mal-Avukat tal-Kunsill sabiex miegħu jiġi diskuss dan il-każ. Diskrepanzi fil-prezzijiet – skips u konkos

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Steve Xuereb fejn dan ġie mitlub jagħmel spezzjoni fuq il-pannelli kollha li għandu l-Kunsill f'diversi postijiet. Is-Sur Schembri pprepara rapport dettaljat fuq dawn il-pannelli. Meters għall-pannelli

ii.i Fid-dokument ippreparat mis-Sur Xuereb jinkludi fih rapport fuq il-meter li hemm installat għall-War Shelter. Dan il-meter juri li sar konsum ta' madwar 7000 KW unit. Saret diskussjoni x'setgħa wassal għal dan il-konsum meta hemmhekk hemm installata biss pompa. Meter War Shelter

ii.ii Għalhekk ġie deċiż li s-Seg. Eżek. jagħmel kuntatt mal-Enemalta sabiex jiġu jagħmlu spezzjoni u fil-każ jinbidel ukoll il-katnazz u ċ-ċwievet il-ġodda jinżammu l-Kunsill.

ii.iii Il-Kunsill qabel li nitkellmu mas-Sur Schembri fejn nitolbuh jaċċettax li jibda jieħdilna ħsieb dawn il-pannelli huwa.

ii.iv Is-Seg. Eżek. ser jagħmel kuntatt mas-Sur Schembri fejn ser jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill filwaqt li jitolbu stima għax-xogħol tiegħu.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tender tal-latrina pubblika ħareġ u ser jagħlaq il-Ġimgħa 7 ta' Frar 2014 f'nofsinhar. Latrina Pubblika

iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ħajt fi Triq Palma k/m Triq Tamal issa huwa lest u għalhekk iż-żgħażagħ taz-ZAK ser jibdew il-Mural fil-jiem li ġejjin. Mural ma' Ħajt – Triq Palma

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti) SKEDA

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia talab sabiex fl-Iskeda ta' Pagamenti jinkitbu aktar dettalji. Bħal per eżempju fil-każ tal-Attivita' tal-Milied tingħata spjega ta' kull pagament x'jirrifletti, x'inhu s-servizz offrut.

ii.i Il-Viċi Sindku talab ukoll rendikont tal-Attivita' tal-Milied. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jippreparah.

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Rapport tal-Kunsillieri

*Rapport mill-Viċi Sindku – is-Sur Paul Farrugia* *Garanziji Bankarji*

i Is-Sur Farrugia staqsa lis-Seg. Eżek. jekk wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret dwar it-Tenders, issa l-Kuntratturi kollha humiex *in order* bil-Garanziji Bankarji?

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tal-Laqgħa 12/07 tad- 19 ta' Diċembru 2013 fil-5.30pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Joseph Abela u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul J. Pace.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)

i. Rigward id-diskrepanzi fil-prezzijiet minn dawk ikkwotati fit-tenders tal-kuntratti preċedenti tal-iskips u tal-konkos, is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2014 fit-8.30am ser jiltaqgħu mal-Avukat tal-Kunsill sabiex miegħu jiġi diskuss dan il-każ. Diskrepanzi fil-prezzijiet – skips u konkos

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa mas-Sur Steve Schembri (Xuereb) fejn dan ġie mitlub jagħmel spezzjoni fuq il-pannelli kollha li għandu l-Kunsill f'diversi postijiet. Is-Sur Schembri pprepara rapport dettaljat fuq dawn il-pannelli. Meters għall-pannelli

ii.i Fid-dokument ippreparat mis-Sur Schembri jinkludi fih rapport fuq il-meter li hemm installat għall-War Shelter. Dan il-meter juri li sar konsum ta' madwar 7000 KW unit. Saret diskussjoni x'setgħa wassal għal dan il-konsum meta hemmhekk hemm installata biss pompa. Meter War Shelter

ii.ii Għalhekk ġie deċiż li s-Seg. Eżek. jagħmel kuntatt mal-Enemalta sabiex jiġu jagħmlu spezzjoni u fil-każ jinbidel ukoll il-katnazz u ċ-ċwievet il-ġodda jinżammu l-Kunsill.

ii.iii Il-Kunsill qabel li nitkellmu mas-Sur Schembri fejn nitolbuh jaċċettax li jibda jieħdilna ħsieb dawn il-pannelli huwa.

ii.iv Is-Seg. Eżek. ser jagħmel kuntatt mas-Sur Schembri fejn ser jinfurmah bid-deċiżjoni tal-Kunsill filwaqt li jitolbu stima għax-xogħol tiegħu.

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tender tal-latrina pubblika ħareġ u ser jagħlaq il-Ġimgħa 7 ta' Frar 2014 f'nofsinhar. Latrina Pubblika

iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-ħajt fi Triq Palma k/m Triq Tamal issa huwa lest u għalhekk iż-żgħażagħ taz-ZAK ser jibdew il-Mural fil-jiem li ġejjin. Mural ma' Ħajt – Triq Palma

## 3 Affarijiet Finanzjarji (inkluż Skeda ta' Pagamenti) SKEDA

i L-Iskeda ta' Pagamenti ġiet iċċirkolata lill-Kunsillieri kollha.

ii Il-Viċi Sindku s-Sur Paul Farrugia talab sabiex fl-Iskeda ta' Pagamenti jinkitbu aktar dettalji. Bħal per eżempju fil-każ tal-Attivita' tal-Milied tingħata spjega ta' kull pagament x'jirrifletti, x'inhu s-servizz offrut.

ii.i Il-Viċi Sindku talab ukoll rendikont tal-Attivita' tal-Milied. Is-Sindku ser jieħu ħsieb jippreparah.

Il-Kunsill approva unanimament l-Iskeda ta' Pagamenti. Din l-iskeda ġiet iffirmata mis-Sindku s-Sur Joseph Abela, mis-Seg. Eżek is-Sur Paul J. Pace u minn żewġ Kunsillieri.

## 4 Rapport tal-Kunsillieri

*Rapport mill-Viċi Sindku – is-Sur Paul Farrugia* *Garanziji Bankarji*

i Is-Sur Farrugia staqsa lis-Seg. Eżek. jekk wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill li saret dwar it-Tenders, issa l-Kuntratturi kollha humiex *in order* bil-Garanziji Bankarji?

Is-Seg. Eżek. ikkonferma dan.

ii Il-Viċi Sindku staqsa kif qed isir il-patching. Dan għaliex innota li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jixħtu t-tarmak minn tal-boroż filwaqt li l-Kuntrattur Vella Group jgħaddi bir-romblu. *Patching bir-romblu*

ii.i Is-Sindku wieġeb li qed jintuża r-romblu għal fatt li l-patching iktar iżomm. Dan għaliex meta qabel kien qed jingħata bil-pala jew jingħadda minn fuqu bil-vann tal-Kunsill dan ma kienx duratur. Il-Viċi Sindku rrimarka li jista' wkoll isir bil-*compactor*.

ii.ii Il-Viċi Sindku talab rendikont tal-ispejjeż involuti għal dan ix-xogħol bir-romblu. Is-Sindku wieġeb li r-romblu qed jinkera bis-siegħa siegħa.

*Rapport mil-Kunsillier Frans Agius*

i Is-Sur Agius qal li dwar l-ORATORJU jidher li xogħol miexi u għandha tintbgħat ittra ta' ringrazzjament. Jidher ukoll li l-flus inġabru kollha u d-dati huma ssetjati. ORATORJU

ii Is-Sur Agius qal li l-kors tal-Malti spiċċa l-ewwel fażi u dalwaqt ser jibda t-tieni fażi. Filwaqt li l-kors tal-parċmina intemm. Korsijiet

*Rapport Mill-Kunsillier Keith Darmanin*

Is-Sur Darmanin qal li :

i l-MINI Car show sar u kien suċċess;

ii l-Areobics spiċċat l-ewwel fażi u ser jinbeda t-tieni fażi;

iii Saret laqgħa għar-residenti flimkien mas-Supt. Sharon Tanti u l-Ispettur Jurgen Cassar; Laqgħa residenti u l-pulizija

iv Is-Sur Darmanin qal li kellu laqgħa ma' ta' Drug Squad. Din il-laqgħa qed issir kull xahar. Qal ukoll li flimkien mad-Drug Squad qed jipprova jtella' laqgħa għar-residenti nhar is-Sibt 15 ta' Frar 2014 pero għadu qed jistenna konferma.

v Is-Sur Darmanin qal li għall-Kunsill taż-Żgħażagħ applikaw 10 żgħażagħ. Il-launch nazzjonali tal-Kunsill taż-Żgħażagħ ser ikun ukoll fil-15 ta' Frar 2013. Kunsill taż-Żgħażagħ

vi Is-Sur Darmanin qal li l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ, is-Sna Millicent Scerri tista sservi sal-5 t'Ottubru. Ġie ssuġġerit li tinħareġ espressjoni ta' interess fil-fuljett sabiex minn hu nteressat japplika. L-aħħar deċiżjoni għall-għażla għandha tkun dejjem tal-Kunsill Lokali. Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

vii Is-Sur Darmanin qal li għandu ppjanat li jsiru żewġ laqgħat għaż-żgħażagħ, waħda nhar it-28 ta' Frar 2014 mas-Sna Ashley Cumbo dwar il-vizzju tad-droga u laqgħa oħra nhar il-21 ta' Frar 2014 ma' Fr Franco Fenech dwar il-fortune tellers. Din tal-aħħar għad irid jirċievi konferma. Dawn iż-żewġ laqgħat huma ppjanati li jsiru fil-Youth Centre. Laqgħat għaż-żgħażagħ

vii.i Il-Viċi sindku staqsa għaliex qed jintuża l-Youth Centre meta l-Kunsill għandu faċilita' ta' Ċentru Komuntarju. Is-Sur Darmanin qal li dan għal fatt li meta laqgħa ssir fiċ-Ċentru Komunitarju ma jkunx hemm konkorrenza filwaqt li fil-Youth Centre iż-żgħażagħ ġa jkunu hemm. Huwa kompla jgħid li bħal dejjem jiftiehem mas-Sur Gużi Farrell biex dawn il-laqgħat ikunu miftuħa għaż-żgħażagħ kollha u mhux biss għal tal-Youth Centre. Apparti minn hekk huwa qal li qed isiru nhar ta' Ġimgħa meta diġa' qed ikun hemm iż-żgħażagħ il-Youth Centre. Użu tal-Youth Centre u mhux Ċentru Komunitarju

vii.ii Is-Sur Farrugia rrimarka li ma jaqbilx ma' dak li qal s-Sur Darmanin għal fatt li l-post li qed jintuża mhux post neutrali.

vii.iii Is-Sur Farrugia kompla jgħid li huwa ma jaqbilx ma din is-sistema għaliex wieħed mill-iskopijiet ewlieni taċ-Ċentru Komunitarju kien li fir-raħal ikollna post neutrali u ħadd ma jkun jista' jgħid li morna għand għaqda u/jew grupp u mhux oħra.

vii.iv Is-Sur Frans Agius issuġġerixxa biex bħalma għal dawn l-aħħar snin inbniet relazzjoni tajba maż-żgħażagħ tal-Youth Centre, tajjeb li issa nippruvaw nilħqu żgħażagħ oħra ta' postijiet oħra.

vii.v Is-Sur Darmanin qal li ż-żewġ laqgħat li semma' qabel jibqgħu kif ippjanat, imbagħad laqgħat oħra jsiru fiċ-Ċentru Komunitarju u naraw kif immorru.

*Rapport mill-Kunsillier Doris Vella*

i Is-Sinj. Vella qalet li l-ħarġa li jmiss hija ppjanata għall-Ħamis 30 ta' Jannar 2014 ġewwa l-Boċċi Club taż-Żurrieq.

ii Hija qalet ukoll li għandha ppjanata ħarġa oħra għall-Buffett Breakfast ġewwa l-Lukanda Vivaldi nhar l-20 ta' Frar 2014.

## 5 <u>Ħwejjeġ Oħra</u>

i Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Attivitajiet tal-Milied imexxew u għalhekk inħarsu 'l-quddiem sabiex Milied ieħor isir xi ħaġa simili. *Attivita' tal-Milied*

ii Qal ukoll li dak inhar tal-programm L-Istrina huwa f'isem il-Kunsill Lokali mar ippreżenta ċekk għall-Community Chest Fund għal valur ta' €2700 - €2000 miġbura mir-record tal-itwal rolly poly filwaqt li s-€700 l-oħra ħariġhom Peppi Primavera. *Ġabra għall-Community Chest Fund*

iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi laqgħat u telefonati ma uffiċċjali ta' TM, din l-Entita' tatna għajnuna kbira fejn waħħlet railing tal-ħadid maċ-ċint int u dieħel minn Triq tal-Barrani għal Triq Palma. Is-Sindku kompla jgħid li apparti minn hekk il-Perit Charlene Bonnici minn TM ikkonfermat li t-TM ser itellgħa ċnut int u dieħel bil-mixi minn Santa Luċija għall-Ħal Tarxien fejn hemm il-pedestrian crossing. *Railing u Ċnut minn TM*

iv Is-Sindku nforma lill-Kunsill li TM aċċettat l-proposta għal sistema ta' one ways fit-toroq konfinanti bejn Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Din is-sistema ser tkun implimentata ftit ftit u l-pubbliku ser ikun mgħarraf billi tintbgħatilhom ittra d-dar bid-dettalji meħtieġa. *One Ways bejn Hal Tarxien u Paola*

v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna statement bl-email li balissa l-bilanċ tal-Kunsill fuq il-UIF funds huwa ta' -€619.00. Jidher li l-fondi żdiedu. *UIF*

vi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta' parkeġġ maħsub fl-area wara l-blokk tal-flats ta' Luqa Road, ġejna kkuntattjati mill-Uffiċċju tal-Perit tal-kunsill fejn qalu li ġew mitluba mis-Superitendence of Heritage sabiex b'mod immedjata isir skavar fiz-zona proposta u dan irid isir sal-aħħar ta' Frar. Sadanittant is-Seg. Eżek. spjega lis-segretarja tal-Perit Mintoff li l-Kunsill jintrabat li jagħmel dan l-iskavar pero ladarba li jkun maħsub li jinbeda l-proġett. Ma jagħmilx sens li dan l-iskavar isir issa. L-uffiċċju tal-Perit Mintoff għandhom jiktbu lis-Supt. Of Heritage f'dan is-sens u ladarba jkollhom risposta jirrapurtaw lura lill-Kunsill. *Proġett ta' parkeġġ wara blokki ta' Luqa road*

vii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jinbeda l-proċess biex tiddaħħal is-sistema tal-Live Streaming. *Live Streaming*

Viii Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Fgura bgħatu email sabiex jistaqsu lill-Kunsill tagħna aħniex interessati li noħorġu it-Tender tad-dawl fit-toroq b'mod konġunt. *Tender Dawl*

viii.i Il-Viċi Sindku qal li għandu ruling mill-Ministeru li peress li t-Tenders tad-dawl huma kollha skaduti hemm għażla li din it-tender jew tinħareġ fuq bazi reġjonali, jew bejn uħud mill-Kunsilli Lokali jew inkellha kull Kunsill b'mod individwali. Huwa kompla jgħid li din it-tender ser tkun fuq l-Aġenda li jmiss tar-Reġjun Xlokk li ppjanata li ssir għal nofs Frar 2014.

viii.ii Għalhekk ġie maqbul li l-Kunsill Lokali tal-Fgura jiġi nfurmat li għalissa il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien ser jistenna l-eżietu tal-laqgħa li jmiss tar-Reġjun Xlokk.

Tender Supply of Cold Asphalt

ix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur BITMAC li magħna għandu t-tender li jissupplixxi boroż tat-tarmak, kiteb lill-Kunsill Lokali li l-prezz tat-tarmak għola u għalhekk qed jitlob żieda fil-prezz minn kif ikkwotat fit-tender. Għalhekk is-Seg. Eżek. talab linji gwida dwar dan lid-Dipt. Gvern Lokali. Minn naħa tagħhom id-Dipt. Gvern Lokali nfurmawna li ebda kuntrattur ma jista jgħolli prezzijiet minn kif ikkwotati fit-tender. U għalhekk it-tender attwali ser tiġi tterminata u ser toħroġ sejħa ġdida.

Is-Sur Ishmael Dalli wasal fis-6.15pm

Tender – Ġbir Skart Domestiku

x Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser toħroġ sejħa għall-offerta għall-ġbir ta' skart domestiku mid-djar. Il-Viċi Sindku talab li-Seg. Eżek. sabiex jiċċekkja sew mad-Dipt. dwar il-perjodu għaliex bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar dan. Is-Seg. Eżek. ikkonferma li huwa ġa ċċekja dan u fid-dokument hemm ċar li dan il-kuntratt jingħata għal perjodu ta' sena sena li jista' jiġġedded sa' massimu ta' 4 snin.

Tender EU Officer

xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li peress li d-Dipt. Gvern Lokali qalilna li ma nistgħux noħorġu Espressjoni ta' nteress għall-EU Officer, għalhekk issa minflokk ser tinħareġ Tender għall-EU Officer.

Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

Ġnien Mark Farrugia

xii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju ġie Marixxal tal-Qorti sabiex jippreżentalu mandat sabiex ikun skortat il-Qorti. Dan għaliex hu bħala Sindku jrid jagħti x-xhieda tiegħu dwar il-każ fuq l-area ta' Sardinja eżattament dwar Ġnien Mark Farrugia.

Il-Kunsill iddeċieda li ninfurmaw lill-Avukat tal-Kunsill bid-dettalji kollha li għandna u nimxu minn hemm. Dehra oħra fil-Qorti hija skedata għall-Mejju.

Major Patching

xiii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tlabna lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmlilna stima għal xogħol ta' major patching f'parti ta' Triq Santa Marija. Il-Kuntrattur ukoll intalab jagħmlilna stima tax-xogħol għal dan il-major patching. Filwaqt li l-Perit ikkwota stima fuq tħaffir ta' 80mm, il-Kuntrattur kkwota tħaffir ta' 300mm. Saret diskussjoni fuq dan il-proċess ta' kemm irid isir tħaffir fil-fond.

xiii.i Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa bejn il-Kunsill Lokali, il-Perit u l-Kuntrattur fejn lill-Kuntrattur irid jintrabat li ma jistax jinzel iktar minn 80mm u importanti li l-Perit irid ikun preżenti l-ħin kollu u f'każ ta' varjazzjoni l-Kuntrattur obbligat li qabel ma jipproċedi bix-xogħol irid jinforma lilna u l-kelma finali tkun dejjem tal-Kunsill.

xiii.ii Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa u li l-kuntrattur jipproċedi biss jekk jaċċetta l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u li jinżamm responsabbli f'każ ta' xi nuqqas u/jew ħsara.

Ftehim bejn il-Każini tal-Festi

xiii.iii Is-Sindku qal li f'isem il-Kunsill u flimkien mas-Supt Sharon Tanti, u l-Kappillan u ż-żewġ Każini tar-raħal, saret laqgħa fejn intlaħaq ftehim bil-miktub sabiex waqt iż-żewġ festi speċjalment waqt il-marċi l-membri tal-Każin oppost la joħorġu barra u anqas fil-gallarijiet u l-istess irid isir fil-festa l-oħra tar-raħal. Din diġa saret waqt il-Festa tal-Madonna tad-Duttrina pero issa qiegħed kollox bil-miktub.

Festa ta' Kult ta' Ġimgħa Mqaddsa

xiv Is-Sindku qal li qed jipproponi li għal żmien l-Għid tittellgħa Festa ta' Kult ta' Ġimgħa Mqaddsa nhar it-12 t'April 2014. Din għalkemm ser issir fl-istess jum tal-pagaent, qed jipprova li l-għaqdiet flimkien mal-Kappillan u l-Kunsill kulħadd jagħti semhu. Huwa qed jipproponi li l-Kunsill jagħmel tajjeb għal spejjeż sa' massimu ta' €2000.

Il-Kunsill qabel li tittellgħa din l-attivita' u li jintefqu sa massimu ta' €2000.

6 **<u>Għeluq tal-Laqgħa</u>**

i Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

ii Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2014 fil-5.30pm

**Sur Joseph Abela**
**Sindku**

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. Bus Mangt MBA
**Seg. Eżek**